Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru 14,508, 29 ta' Novembru, 1985
Taqsima B

A.L. 50 ta' l-1985

ORDINANZA TA' L-1962 DWAR IL-PORTIJIET (ORDINANZA NRU. XIII TA' L-1962)

Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 18A, 25, 26 u 42 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet, il-Prim Ministru għamel ir-re-golamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ

A.L. 163 ta' 1975

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, u għandhom jinqraw u jiftieħmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1975 dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-18 ta' Ġunju, 1985.

Iżid Regolament ġdid 32B mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 32A tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Kontribuzzjoni tas-sigurtà Nazzjonali.

Att VI ta' l-1956

32B. (1) Id-Direttur għandu jagħmel tnaqqis mill-qliegħ ta' bdoti u rmiġġaturi hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "Tnaqqis tas-Sigurtà Nazzjonali", ta' minn tnax wieħed ta' dak il-qliegħ bażiku li jista' minn żmien għal żmien ikun daqs ir-rata ta' kontribuzzionijiet (espressa bħala frazzjoni tal-qliegħ bażiku) li titħallas minn persuna mpjegata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonal. Malli jsir it-Tnaqqis tas-Sigurtà Nazzjonali, dawk il-bdoti u l-irmiġġaturi għandhom jitqiesu li wettqu l-obbligu tagħhom dwar kontribuzzjonijiet li jitħallsu minn persuni mpjegati taħt l-imsemmi Att, għall-perijodu li minnu jkun sar it-tnaqqis tas-Sigurtà Nazzjonali mill-qliegħ bażiku.

(2) Id-Direttur għandu jiġbor mingħand il-persuni li skond ir-regolament 32 ta' dawn ir-regolamenti għandhom l-obbligu li jħallsu d-drittijiet ta' pilutaġġ u rmiġġ, dritt hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "id-Dritt tas-Sigurtà Nazzjonali" li jkun daqs minn tnax wieħed (jew dik il-frazzjoni l-oħra li tkun daqs il-frazzjoni li tittieħed biex isir it-Tnaqqis tas-Sigurtà Nazzjonali mill-qliegħ ta' bdoti u rmiġġaturi skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament) tad-drittijiet ta' pilutaġġ u rmiġġ dovuti minnhom. Mal-ħlas tad-Dritt tas-Sigurtà Nazzjonali minn dawk il-persuni jitwettaq l-obbligu tagħhom dwar kontribuzzjonijiet dovuti minnhom bħala prinċipali ta' bdoti u rmiġġaturi skond l-artikolu 18A ta' l-Ordinanza dwar il-Portijiet u skond l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali dwar il-perijodu kopert bid-drittijiet hekk imħallsa.

(3) Id-Direttur jista' jagħmel it-Tnaqqis tas-Sigurtà Nazzjonali u jiġbor id-Dritt tas-Sigurtà Nazzjonali fl-istess ħin

mal-ġbir tad-drittijiet ta' pilutaġġ u rmiġ li għandhom jingabru taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (1) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "Wara li jsir dak it-tnaqqis li għandu jitħallas fil-fondi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "Wara li jsir it-Tnaqqis tas-Sigurtà Nazzjonali skond il-paragrafu (1) tar-regolament 32B, u wara li jitnaqqsu dawk l-ammonti l-oħra li għandhom jitħallsu fil-fondi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti,".

Jemenda r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Id-Direttur għandu jqiegħed fil-Fond:

(i) it-Tnaqqis tas-Sigurtà Nazzjonali magħmul skond il-paragrafu (1) tar-regolament 32B;

(ii) id-Dritt tas-Sigurtà Nazzjonali miġbur skond il-paragrafu (2) tar-regolament 32B; u

(iii) id-dritt miġbur skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.";

(b) is-sub-paragrafi (a) sa (f) tal-paragrafu (8) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala paragrafi (b) sa (g) rispettivament; u

(ċ) minnufih qabel is-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu (8) tiegħu għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) Il-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu dwar bdoti u rmiġġaturi taħt l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali minn persuni mpjegati u prinċipali;".

Jemenda r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara l-paragrafu (4) tar-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"(4A) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament għandu jitħallas mill-Fond għall-Bdil ta' Lanez ta' Pilutaġġ:

(a) il-kost ta' lanec ta' pilutagg godda; u

(b) dawk l-ammonti li għandhom jiġu trasferiti mill-Fond għall-Bdil ta' Lanez ta' Pilutaġġ għall-Fond ta' Stabbilizzazzjoni, kif il-Ministru jista' jordna.".